MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1038/2004

**International Translation Agency Limited**

**vs**

**Euro Chemie Products Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-17 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u tmenin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm181.75) rapprezentanti prezz ghall-xoghol ta' traduzzjoni ezegwit mis-socjeta attrici bejn il-5 ta' Novembru, 2002 u s-6 ta' Mejju 2003 fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta stess.

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legalai sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u wiehed u tmenin liri Maltin u hamsa sebghin centezmu (Lm181.75) , bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------